MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 19/2005

**Maltacom plc**

**-vs-**

**Edwin Muscat**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn mija u sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm2147.10) in kwantu ghas-somma ta' elfejn u tmintax-il lira Maltin u sebgha u tmenin centemzu (Lm2018.87) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21452136 (Acc. No. 10080058 CN 1030796), liema servizz gie installat fil-fond bl-isem "AMZ Villa", Triq il-Buskett, Rabat, Malta u in kwantu ghas-somma ta' mija

u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm128.23) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21561164 (Acc. No. 10225482 CN 1030796), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru 12, Triq Xandikru, Nadur, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopji tas-service agreements li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokument A u B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar 2005 (Dok C) u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi minkejja li l-konvenut gie debitament notifikat b'dan l-avviz u bl-appuntament ghas-smiegh naqas li jidher u jikkontesta t-talba.

Semghet lil Joe Azzopardi (rapprezentant tal-Maltacom plc) jixhed bil-gurament fl-udjenza tal-lum fejn iddikjara li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' elfejn mija sebgha u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm2147.10).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Billi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' s-somma ta' elfejn mija u sebgha liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm2147.10) in kwantu ghas-somma ta' Lm2018.87 rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21452136 (Acc. No. 10080058 CN 1030796), liema servizz gie installat fil-fond bl-isem "AMZ Villa", Triq il-Buskett, Rabat, Malta u in kwantu ghas-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm128.23) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ams-servizz tat-telefon bin-numru 212561164 (Acc. No. 10225482 CN 1030796), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru 12, Triq Xandriku Nadur Ghawdex.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datat 5 ta’ Jannar 2005 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ittra ufficjali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------